MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1958/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Rohan Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin cenetezmu (Lm51.75), u fejn intqal:**
**Illi s-socjeta` Maltacom plc ipprovdiet lill-konvenut diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru, 1998 u t-30 t'April, 2001;**
**Illi l-konvenut naqas li jhallas is-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin cenetezmu (Lm51.75) minnu dovuti tas-servizzi fuq imsemmija,**

**skond il-Ligi (Avviz legali 219 u 220 ta' l-1998), u dan nonostante li gie interpellat jaghmel dan permezz ta' ittra ufficjali;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Dicembru, 2001 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-23 ta' Jannar, 2002, fejn intqal:**
**i. illi preliminarjament in-notifika ta' l-avviz hija irrita u nulla, stante illi l-konvenut huwa persuna li titkellem unikament bl-Ingliz u ghalhekk, ai termini ta' l-artikolu 5 tal-Kap.189 tal-Ligijiet ta' Malta, l-avviz u n-notifika iridu jsiru bl-Ingliz;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa qatt ma qabbad lis-socjeta` attrici sabiex taghmel xi xogholijiet u/jew servizzi ghalih;**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-apparat impurtat mill-konvenut ma kellux bzonn illi jigi approvat stante illi tali prodott kien gja jinstab ghall-bejgh hawn Malta u ghalhekk kien gja gie approvat ghall-uzu hawn Malta;**
**iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma rikjesta mis-socjeta` attrici hija eccessiva u ma hijiex dovuta, u dana kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-mori tal-kawza;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' l-inginier Joseph Agius u ta' Rohan Debono. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra li fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2002, il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi l-konvenut kien xtara minn barra "cordless phone" u gabu mieghu Malta impakkettat. Jirrizulta li l-apparat zammewh tad-dwana, u sussegwentement gie rilaxxat, u l-pakkett kien miftuh.**

**2. L-inginier Joseph Agius ghas-socjeta` attrici xehed li ma setax jghid x'kien fih il-pakkett. Skond l-inginier Agius kienu fethu l-pakkett, ttestjaw il-kontenut tal-pakkett u gie rilaxxat. Ma gewx esibiti invoices fir-rigward.**

**3. Dwar it-tieni eccezzjoni cioe` li il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa qatt ma qabbad lis-socjeta` attrici sabiex taghmel xi xogholijiet u/jew servizzi ghalih, it-Tribunal jirrileva li dak li ghamlet is-socjeta` attrici kien bis-sahha ta' l-Avvizi Legali 219 u 220. (vide decizjoni in parte "Maltacom plc vs IES Computers Limited" Avv. Nru.1853/01 deciza minn dan it-Tribunal fis-7 ta' Mejju, 2002.**

**4. Dwar it-tielet eccezzjoni, ossija li l-apparat impurtat ma kellux bzonn illi jigi approvat stante illi tali prodott kien gja jinstab ghall-bejgh hawn Malta, l-konvenut kien ra hawn Malta apparat ta' l-istess tip. Dana ma jfissirx li l-apparat impurtat individwalment ma kellux jigi verifikat li mhux ser jinterferixxi mas-sistema tat-telekomunikazzjoni, pero` definitivament, inkwantu kien hawn gja apparat simili hawn Malta, dana jirrifletti dwar l-hlas dovut ghall-approvazzjoni ta' tip.**

**5. Ghalhekk ghalkemm ma hiex qed tigi akkolta it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jirrizulta bic-car li l-prezz impost mis-socjeta` attrici, in vista tac-cirkostanzi, kien wiehed esagerat, u fic-cirkostanzi, is-somma ta' hames liri Maltin kienet sufficenti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' hames liri Maltin (Lm5.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma msemmija ta' hames liri Maltin (Lm5.00) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Avv Joseph Refalo**

**Gudikatur**